# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ġunju 2024

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għall-migranti li jaħarbu mill-gwerra u l-ġuħ, u li jkollhom jivvjaġġaw fost perikli kbar u vjolenza, biex il-pajjiżi li jirċevuhom jilqgħuhom tajjeb u joffrulhom opportunitajiet ġodda.**

**Ninġabar:**
Nidħol fil-preżenza t'Alla u nitlob sabiex inkun nista' nifhem aħjar l-inkwiet, l-ansjetà u t-taħbit li jgħaddu minnu r-refuġjati meta jaħarbu minn art twelidhom.

**Fatt ċkejken:**



Shafaq ħarbet minn Dera'a, fis-Sirja. Xandret l-istorja tagħha fuq l-internet permezz tal-*Middle East Children's Alliance*, għaqda li toffri appoġġ lir-refuġjati fil-Libanu. "Kont ngħix fil-paċi fid-dar tassew sabiħa li kellna Dera'a. Kont nitgħaxxaq bin-natura li kellna fil-madwar u konna nieklu ikel bnin li l-art kienet tipprovdilna. Ta' kuljum kont inqum mal-għana tal-għasafar. Il-kruha tal-gwerra ċivili ġegħlitna naħarbu, jien u familti kellna nħallu darna u nibdew il-vjaġġ tagħna bħala refuġjati.
Minn meta tlaqna, tgħidx kemm-il darba ċċaqlaqna fil-Libanu, u kelli nattendi skejjel differenti wkoll. Fl-aħħar, il-familja ddeċidiet li mmoru noqogħdu viċin il-fruntiera mas-Sirja. Ġejna hawn sempliċiment għaliex ma xtaqniex li mmutu. Missieri jaħdem bħala 'electrician' u dak huwa l-uniku dħul tal-familja. Ngħixu ġo dar ċkejkna b'kamra tas-sodda waħda, kċina żgħira u kamra tal-banju. Aħna nitqiesu bħala klandestini għaliex għad m'għandniex id-dokumenti uffiċċjali tar-refuġjati.
Fl-iskola qiegħda lura b'xi sentejn; iżda xorta sejra tajjeb, u beħsiebni nibqa' sejra hekk. Nixtieq inkompli nistudja u nibda naħdem u ngħin lil familti, u ngħin lil persuni oħra li jixtiequ jitgħallmu. Inħossni xxurtjata li sibt ħafna għajnuna fl-edukazzjoni u rċevejt ħafna sapport emozzjonali u psikoloġiku. Fl-istess ħin inħossni tassew imdejqa u inkwetata meta naħseb dwar il-futur li hemm jistennini. Kuljum jgħaddu minn moħħi ħafna ħsibijiet u dubji dwar x'jista' jiġri minna għada, pitgħada. Iva... huwa ġejjieni mistur u xejn mhu żgur."

**Naħseb ftit:**
Xi pjanijiet għandi għal għada? Issa nimmaġina li kont xi membru tal-familja ta' Shafaq...ma tantx nista' nagħmel pjanijiet, hux hekk? X'tamiet għandi għall-futur?

**Nitlob:**
Missier, nitolbok tħares il-ħajja ta' tant minn ħutna li kellhom bilfors jaħarbu minn pajjiżhom. Wassalhom bis-sliem f'post sigur. Imliena bl-ispirtu tiegħek sabiex nuru ħniena u ġenerożità mar-refuġjati li rnexxielhom jaslu u qed jgħixu fi ġżiritna.

**Kliem ta' dawl:**
L-għadu tiegħek mhuwiex ir-refuġjat. L-għadu tiegħek huwa dak li minħabba fih ir-refuġjat kellu jsir hekk .
*Tariq Ramadan*

**X'nista' nagħmel:**
Meta niddiskuti t-tema tal-immigranti ma' ħbiebi jew ma' tal-familja, se nġib quddiem għajnejja l-ġrajja ta' Shafaq qabel nitkellem. Se naħseb ftit dwar l-uġigħ tal-firda minn darha, dwar it-trawma li għaddiet minnha minħabba l-gwerra u se niftakar fl-ansjetà li jkollhom ir-refuġjati minħabba li dawn ma jistgħux jippjanaw il-futur.